- KURA U KUSTODJA TAL-MINURI -

- INTERESS SUPREM TAL-MINURI -

- IL-GENITURI HUMA F'KAZIJIET NORMALI L-AHJAR GUDIKANTI DWAR L-INTERESS TAL-ISTESS MINURI ULIEDHOM -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Mejju 2002

**Kawza Numru: 33**
**Citazzjoni Numru: 1514/01/RCP**

**Nicholas Calleja fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju ta' l-assenti bintu Deborah Ann Brincat**

**vs**

**Lawrence Brincat**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:

Illi l-kontendenti zzewgu Malta fit-30 ta' Mejju 1992 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda Abigail li twieldet fit-3 ta' Lulju 1993;

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment u Deborah Ann Brincat marret l-Ingilterra flimkien ma' bintha minuri Abigail, u wara ftehim milhuq bejn il-partijiet hija baghtet lil bintha lura Malta f'Awissu 2001;

Illi l-istanti ghadha tabita l-Ingilterra u l-konvenut jabita hawn Malta u ntlahaq ftehim bejn il-kontendenti kif rifless fid-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Lulju 2001 (Dok. "A" hawn unit) fejn il-kustodja tal-minuri Abigail Brincat giet fdata f'idejn il-genituri taghha konguntivament pero' t-tifla ghandha tghix ma' missierha l-konvenut sakemm din il-kwistjoni tigi deciza mill-Qorti Kompetenti;

Illi mhux fl-interess tat-tifla minuri Abigail li hija tghix ma' missierha l-konvenut li certament qed jghix tip ta' hajja li mhijiex kompatibbli ma' l-interessi tal-minuri li da parti taghha mhijiex qed tigi kurata kif imiss u mrobbija sewwa, u ghall-ragunijiet ohra kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li huwa aktar fl-interess tal-minuri Abigail Brincat li l-kura u l-kustodja taghha tigi fdata f'idejn ommha, Deborah Ann Brincat, u taghti dawk il-provvediment kollha li jidhrilha opportuni fir-rigward;

2. Tawtorizza lill-istanti Deborah Ann Brincat li tiehu maghha l-Ingilterra lil bintha minuri Abigail Brincat, u konsegwentement tordna lill-konvenut li, fi zmien qasir u perentorju li jigi minn dina l-Qorti ffissat, jikkonsenja lill-attur nomine l-istess tifla minuri okkorrendo bl-assistenza tal-Marixxalli tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-Rikors prezentat kontestwalment sabiex dina l-kawza tigi trattata bl-urgenza, kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 15 tal-process;

Rat ir-rikorsi tal-11 ta' Settembru 2001 u tat-28 ta' Novembru 2001 tal-attur Nicholas Calleja.

Rat in-nota tal-partijiet tat-28 ta' Jannar 2002 fejn qablu li biha jgibu a formali konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li huma lahqu ftehim bonarju bejniethom u qed jittransigu l-kawza fl-ismijiet premessi bil-mod segwenti:-

1. Il-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Abigail Brincat qed tigi fdata f'idejn ommha Deborah Ann Brincat li tghix l-Ingilterra. L-istess Deborah Ann Brincat ghandha l-obbligu li tikkonsulta ma' zewgha, l-konvenut Lawrence Brincat li jghix Malta, f'dawk l-affarijiet importanti li jirrigwardaw is-sahha u l-edukazzjoni ta' l-istess minuri Abigail Brincat.

2. Il-minuri Abigail Brincat ghandha tintbghat l-Ingilterra fi zmien gimgha.

3. Il-konvenut Lawrence Brincat ghandu dritt ta' access ghal bintu minuri Abigail Brincat darbtejn fis-sena, u cjoe' hmistax (15)-il gurnata matul ix-xahar ta' Awissu, u hmistax (15)-il gurnata matul ix-xahar ta' Dicembru jew matul ix-xahar ta' l-Ghid. Il-partijiet ghandhom jikkomunikaw bejniethom dwar il-granet ta' dan l-access. Il-konvenut Lawrence Brincat ghandu wkoll dritt ta' access ghall-istess bintu minuri Abigail Brincat fil-*weekend* (mill-Gimgha sal-Hadd) ta' meta huwa jkun fuq btala l-Ingilterra.

4. Il-minuri Abigail Brincat possibilment ghandha tkun akkumpanjata minn adult fit-tragitti mill-Ingilterra ghall-Malta u vice-versa.

5. Il-partijiet ghandhom ihallsu l-ispejjez ta' vjagg kull wiehed ta' Abigail Brincat, bl-spiza li jmiss tkun a karigu ta' Deborah Ann Brincat, biz-zewg spiza ta' wara a karigu ta' Lawrence Brincat, u wara dawn jibqghu jithallsu *alternately*.

6. Dan kollu qed isir fl-ahjar interess tat-tifla minuri Abigail Brincat. Il-partijiet jaqblu illi fl-azzjonijiet taghhom kollha safejn dawn jikkoncernaw lill-istess tifla minuri ghandhom jigu gwidati u ghandhom jittiehdu fl-ahjar interess ta' binthom, u f'dan l-aspett l-ahjar interess tal-minuri ghandu dejjem jipprevali.

7. Il-partijiet finalment jaqblu ukoll illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha taghti d-decizjoni finali taghha fil-kawza fl-ismijiet premessi abbazi tal-ftiehim milhuq bejniethom, u din id-decizjoni ghandha tkun finali u ghandha tipprevali fuq kull providement provizorju li nghata mill-Family tal-High Court f'Londra fis-26 ta' Gunju 2001 u mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Lulju 2001.

8. Il-konvenut jiddikjara li ghandu jcedi t-talba tieghu rigwardanti l-kura u l-kustodja ta' bintu minuri Abigail fil-kawza fl-ismijiet **"Lawrence Brincat -vs- Nicholas Calleja nomine"**, citazzjoni numru 1450/2001NA, pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti u li ghadha ma gietx appuntata.

Rat in-notifika tal-konvenut tas-16 ta' Jannar 2002.

Rat il-verbal tal-1 ta' Frar 2002 u tat-2 ta' Mejju 2002 fejn Dr Doreen Clarke tat ruhha b'notifikata ghall-konvenut bic-citazzjoni attrici u ddikjarat li l-partijiet jaqblu li ghandha tinghata sentenza abbazi tal-ftehim milhuq bejniethom datat 28 ta' Jannar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONJIET.</u>

Illi din il-kawza tikkoncerna talba sabiex il-minuri Abigail Brincat tigi fdata fil-kura u l-kustodja tal-attrici b'dan li l-istess kura u kustodja tigi ezercitata minnha fl-Ingilterra fejn hija tghix bi dritt ta' access lill-konvenut.

Illi fortunatament il-partijiet jidher li apprezzaw li f'kawzi bhal dawn l-interess tal-minuri huwa dak suprem u jidher li warrbu d-differenzi kollha li hemm jew setgha kien hemm bejniethom u qablu kif tali kura u kustodja u access ghall-istess minuri jista' jigi ezercitat bejniethom fl-interess tal-istess minuri, li l-Qorti zzid li meta jkun hemm qbil bejn il-genituri fuq dan l-aspett, l-istess genituri huma l-ahjar gudikanti tieghu.

Illi l-Qorti rat l-istess ftehim milhuq bejn il-partijiet dejjem dwar l-istess kura u kustodja tal-istess minuri u thoss li ghandha taddotta l-istess ftehim f'din is-sentenza fl-

interezza tieghu, u ghal dan l-iskop tirreferi ghan-nota konguntiva tal-partijiet datata 28 ta' Jannar 2002 a fol 27 u 28 tal-process u taddotta l-istess ftehim bhala l-parti dispositiva ta' din is-sentenza.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq qbil bejn il-partijiet fil-kawza kif minnhom registrat permezz ta' nota tat-28 ta' Jannar 2002 **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan:

1. Tiddikjara, li kif qablu l-partijiet kif premess u fic-cirkostanzi odjerni huwa aktar fl-interess tal-minuri Abigail Brincat li l-kura u l-kustodja taghha tigi fdata f'idejn ommha, Deborah Ann Brincat, u taghti dawk il-provvediment kollha li jidhrilha opportuni fir-rigward, b'dan li l-konvenut Lawrence Brincat ghandu dritt ta' access ghal bintu minuri Abigail Brincat darbtejn fis-sena, u cjoe' hmistax (15)-il gurnata matul ix-xahar ta' Awissu, u hmistax (15)-il gurnata matul ix-xahar ta' Dicembru jew matul ix-xahar ta' l-Ghid. Il-partijiet ghandhom jikkomunikaw bejniethom dwar il-granet ta' dan l-access. Il-konvenut Lawrence Brincat ghandu wkoll dritt ta' access ghall-istess bintu minuri Abigail Brincat fil-*weekend* (mill-Gimgha sal-Hadd) ta' meta huwa jkun fuq btala l-Ingilterra, taht is-segwenti kundizzjonijiet:

(a) li l-attrici ghandha l-obbligu li tikkonsulta ma' zewgha, l-konvenut Lawrence Brincat li jghix Malta, f'dawk l-affarijiet importanti li jirrigwardaw is-sahha u l-edukazzjoni ta' l-istess minuri Abigail Brincat.

(b) Li l-konvenut ghandu jara li l-minuri tintbaghat l-Ingilterra fi zmien gimgha mid-data ta' din is-sentenza.

(c) Il-minuri Abigail Brincat possibilment ghandha tkun akkumpanjata minn adult fit-tragitti mill-Ingilterra ghall-Malta u vice-versa.

(d) Il-partijiet ghandhom ihallsu l-ispejjez ta' vjagg kull wiehed ta' Abigail Brincat, bl-spiza li jmiss tkun a karigu ta' Deborah Ann Brincat, biz-zewg spiza ta' wara a karigu ta' Lawrence Brincat, u wara dawn jibqghu jithallsu *alternately*.

(e) Dan kollu qed isir fl-ahjar interess tat-tifla minuri Abigail Brincat. Il-partijiet jaqblu illi fl-azzjonijiet taghhom kollha safejn dawn jikkoncernaw lill-istess tifla minuri ghandhom jigu gwidati u ghandhom jittiehdu fl-ahjar interess ta' binthom, u f'dan l-aspett l-ahjar interess tal-minuri ghandu dejjem jipprevali.

(f) Il-konvenut ghandu jaderixxi ruhu mat-tmien (8) paragrafu tan-nota konguntiva tal-partijiet.

2. Tawtorizza lill-istanti Deborah Ann Brincat li tiehu maghha l-Ingilterra lil bintha minuri Abigail Brincat, u

konsegwentement tordna lill-konvenut li, fi zmien qasir u perentorju ta' gimgha mid-data ta' din is-senenza, kollox kif indikat f'paragrafu tnejn (2) tan-nota konguntiva u tat-talba (1b) ta' din is-sentenza u skond kif indikat fid-disposittiv (1c, 1d) jikkonsenja lill-attur nomine l-istess tifla minuri kif hemm maqbul bejn il-partijiet fl-istess nota u kif l-istess konvenut hemm obbliga ruhu li jaghmel.

Illi stante n-natura tal-kaz kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**9 ta' Mejju 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**9 ta' Mejju 2002**